MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 683/2003

**Patricia Deguara**

**VS**

**Edward u Cecilia O' Neill**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz pezentat mill-attrici fit-3 ta' April, 2003, li bih talbet is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rappresentanti somma mislufa minnha lill-konvenuti, *brevi manu*, liema somma l-konvenuti qed jirriffjutaw li jhallsu lura minkejja diversi interpellazzjonijiet. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 22 ta' April, 2003, li permezz taghha huma eccepew illi t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda u dan peress illi kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza, il-konvenuti qatt ma sselfu flus minghand l-attrici. Bl-ispejjez.

Semgha lix-xhieda kollha bil-gurament u ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA :**

Illi l-attrici qed tghid li fis-sena 1999, meta hi w l-konvenut Edward O'Neill kienu ghadhom hbieb, fuq rikjesta ta' dan, kienet silfitu s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) biex hu jkun jista' jqieghed din is-somma bhala depozitu fuq karozza li kien sejjer jixtri. Fil-fatt jirrizulta, anke mill-istess xhieda ta' dan il-konvenut, li hu veru li kien xtara karozza fil-1999 ghall-familja u kien hallas is-somma ta' Lm1,500 bhala depozitu ghaliha. Fil-fatt hu kien xtara din il-karrozza li giet konsenjata lilu ghall-habta ta' Lulju/Awwissu, 1999.

L-attrici tikkonferma li hi kienet silfet din is-somma lill-imsemmi konvenut fuq il-kelma biss, cioe' *brevi manu*, u ma saret l-ebda forma ta' kitba bejnithom. Hi tghid li l-ewwel tghatu Lm500 f'Marzu, 1999, u Lm1,000 ohra f'Mejju, 1999. Effettivament dawn iz-zewg ammonti jidhru li kienu gew zbankati mill-attrici mill-kont bankarju taghha esebit a fol.15. Tghid ukoll li l-ewwel ammont ta' Lm500 tpogga fil-kont bankarju tal-konvenuti (joint-account) u dan fil-presenza taghha.

Minn naha taghhom, il-konvenuti jichdu li qatt isselfu flus minghand l-attrici. It-tnejn jghidu li s-somma ta' Lm1,500 li hallsu bhala depozitu fuq il-karozza li xtraw kienet taghhom u kienu harguha mill-kont bankarju taghhom li kellhom mal-Bank of Valletta. Jghidu li qabel ma zbankaw dawn il-flus, dawn il-flus kienu gemmawhom ftit ftit u kienu hallewhom fid-dar taghhom imfaddlin.

Illi, ghalhekk, stante li dan it-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kompletament opposti, u, tista' tghid, il-provi jikkonsistu f'dak li xehdu iz-zewg partijiet, hu irid

jaghmel ezercizzju biex jara liema verzjoni hija l-iktar kredibbli, u dan billi jqies ukoll provi ohra cirkostanzjali.

**IKKUNSIDRA :**

Illi punt importanti jikkonsisti fid-dati li l-attrici zbankat il-fuq imsemmija ammonti biex, skond hi, tghatihom lill-konvenut Edward O' Neill, u d-dati ta' depozitu li dan ghamel fil-joint-account ma' martu ta' ammonti li l-attrici qed tghid li huma l-istess flus li silfitu. Dan il-joint-account tal-konvenuti huwa dak esebit a fol 29, cashlink account number 16708310028.

Jirrizulta li mill-kont taghha, u precizament fit-23 ta' Marzu, 1999, l-attrici zbankat is-somma ta' Lm500 li hi tghid li tghat lill-konvenut u ratu jiddepozita fil-joint-account imsemmi tal-konvenuti. Fil-fatt jirrizulta mid-dokument imsemmi w esebit a fol.29, li proprju l-ghada li l-attrici zbankat din is-somma ta' Lm500 mill-kont taghha, u precizament fl-24 ta'Marzu, 1999, fil-joint account tal-konvenuti giet depozitata s-somma ta' Lm500;

Jirrizulta wkoll li l-attrici zbankat ammont ta' Lm1,500 mill-istess kont taghha fl-14 ta'Mejju, 1999, li minnhom tghid li tghat lill-konvenut l-ammont ta' Lm1,000. Ftit granet wara, u ezattament fit-18 ta'Mejju, 1999, fl-imsemmi joint-account tal-konvenuti giet depozitata s-somma ta' Lm800, biex b'hekk, f'temp qasir ta' cirka xahar u nofs, il-konvenuti kienu ddepozitaw fil-kont bankarju taghhom is-somma ta' Lm1,300, li wara zbankaw fis-7 ta'Awwissu, 1999 biex isir id-depozitu gja' imsemmi.

Interessanti li jigi rilevat li fix-xhieda tieghu, il-konvenut Edward O'Neill jghid:- *"jiena ma kellix xi paga kbira. Ovvjament kont insarrafha ghall-bzonnijiet tal-familja. Jiena m'inix cert, pero' ma jidhirlix li jiena ghamilt xi depositi sostanzjali fil-kont bankarju li kelli mal-mara fl-1999"* [fol. 35]. Martu tikkorobora dan kollu. Mistoqsijin dwar dawn id-depoziti allura sostanzjali ta' Lm500 u Lm800 f' temp relattivament qasir, huma wiegbu li dawn kienu flus imfaddlin li zammew f' darhom u li poggewhom

il-bank bejn Marzu u Mejju tal-1999 u li wara zbankaw f' Awwissu biex jhallsu d-depozitu.

Il-konvenuti jghidu li ma jafux ghaliex l-attrici qed tghamlilhom hekk u tippretendi il-hlas tas-somma ta' Lm1,500 minghandom, somma li huma jghidu li qatt ma sselfu minghandha. Jghidu li din bil-fors xi vendikazzjoni minghandha biex taqla' l-inkwiet fil-familja.

**IKKUNSIDRA:**

Illi l-konvenuti qed jistriehu fuq il-fatt li ma tezisti l-ebda forma ta' kitba bejnhom u l-attrici, u li l-provi jikkonsistu biss fil-kelma ta' l-attrici kontradetta mill-kelma taghhom.

Dan hu minnu, izda dan ma jfisserx li, allura, it-talba attrici ma tista' qatt tirrizulta sodisfacentement ipprovata skond il-ligi.

Fil-fatt, tenut kont tad-dokumenti bankarji fuq imsemmija, il-verzjoni moghtija mill-attrici hija iktar kredibbli, u dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li meta wiehed iqis li minhabba dak li xehed l-istess konvenut Edward O' Neill dwar l-istat finanzjarju tieghu fil-1999, hu ma setax ikun fil-posizzjoni li f' temp ta' xahar u nofs bejn Marzu u Mejju, 1999, jiddepozita l-ammonti ta' Lm500 u Lm800 rispettivament, u dan propju ftit granet biss wara li l-attrici tghid li tghatu dawn l-ammonti li jirrizultaw zbankati mill-kont taghha. Ma hiex kredibbli l-verzjoni tal-konvenuti li dawn il-flus kienu imfaddlin minnhom u hallewhom id-dar. Id-dati ta' l-izbank mill-attrici u s-sussegwenti depoziti li saru mill-konvenuti huma wisq qrib xulxin, prova cirkostanzjali li tikkorrobora dak li tghid l-attrici. It-Tribunal, ghalhekk, hu tal-fehma li l-verzjoni taghha hi verosimili u kredibbli.

Mill-atti jirrizulta li l-flus gew zbankati mill-kont tal-konvenuti fil-bidu ta' Awissu 1999 u ntuzaw biex thallas id-depozitu fuq il-vettura. Jekk kif qal il-konvenut dawn il-flus kien izommhom id-dar imfaddlin ghal li jista' jinqala',

x'kienet ir-raguni li l-ewwel depozitu sar erba' xhur qabel ma gew bzonn il-flus, u t-tieni depozitu sar kwazi tlett xhur qabel ? Spjega ta' dan ma tawx il-konvenuti. Dan iktar u iktar meta l-konvenut xehed li *"jiena ma ridtx niddeposita kollox f'daqqa li ma jmurx jinqalghalna bzonn ta' xi haga u jkollna bzonn il-flus f'idejna"* [fol. 37]. It-Tribunal ikompli jsahhah il-fehma li effettivament l-attrici selfet is-somma meritu tal-kawza u din intuzat sabiex il-konvenut xtara karrozza ghall-familja.

Ghal dawn l-motivi, ghalhekk, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talba attrici w jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuha s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rappresentanti somma f' dan l-ammont mislufa minnha lilhom, *brevi manu*. Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------